Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/473

14.3.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/473

tat-12 ta' Marzu 2025

li tirrikonoxxi li r-rapport ippreżentat miċ-Ċekja skont l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitravi taz-zokkor, tal-ħbub tal-qamħirrum, tas-silaġġ tal-qamħirrum, tal-ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa u tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa f'dak l-Istat Membru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 teżiġi li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu ħalli jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dak il-għan, l-Artikolu 29(10) ta' dik id-Direttiva jistabbilixxi limiti speċifiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-karburanti, u l-Artikolu 31 jirregola kif irid jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola, jistgħu jintużaw il-valuri tipiċi f'ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala preċiżi.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2624 ([2]), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-rapport li ppreżentatilha ċ-Ċekja kien fih data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-lift tipikament prodotta fir-reġjuni NUTS 2 fiċ-Ċekja.

(3) Fit-23 ta' Ottubru 2024, iċ-Ċekja ppreżentat rapport addizzjonali lill-Kummissjoni bid-data għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitravi taz-zokkor, tal-ħbub tal-qamħirrum, tas-silaġġ tal-qamħirrum, tal-ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa u tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa tipikament prodotti f'żoni fit-territorju tagħha kklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Iċ-Ċekja talbet li d-data tiġi rikonoxxuta bħala preċiża f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li dan fih data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitravi taz-zokkor, tal-ħbub tal-qamħirrum, tas-silaġġ tal-qamħirrum, tal-ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa u tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fiċ-Ċekja. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta l-eżattezza tad-data għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' dik il-materja prima.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2624 tat-8 ta' Ottubru 2024 li tirrikonoxxi skont l-Artikolu 31(2) u (4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li r-rapport fih data akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-lift fiċ-Ċekja (ĠU L, 2024/2624, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2624/oj).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, il-Bijolikwidi u l-Karburanti mill-Bijomassa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport ippreżentat miċ-Ċekja fit-23 ta' Ottubru 2024 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fih data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitravi taz-zokkor, tal-ħbub tal-qamħirrum, tas-silaġġ tal-qamħirrum, tal-ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa u tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fiċ-Ċekja. Is-sommarju tad-data tar-rapport hu stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Jekk id-data li hemm fir-rapport, kif ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2024 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni, tinbidel b'mod li jaf jaffettwa l-akkuratezza tad-data u b'hekk il-bażi ta' din id-Deċiżjoni, iċ-Ċekja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn il-bidliet minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet notifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport għadux jipprovdi d-data preċiża li għaliha hu rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieqaf tapplika fit-3 ta' April 2030.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' ħbub tax-xgħir tax-xitwa maħsudin fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	79,3	4,6	79,1	31,3	1,7	52,0	9,4	**257,4**
CZ 02 Střední Čechy	76,6	4,9	75,3	26,3	2,1	52,6	9,9	**247,7**
CZ 03 Jihozápad	104,9	18,1	72,2	26,9	1,8	52,6	10,1	**286,7**
CZ 04 Severozápad	77,1	7,7	62,4	24,9	1,8	53,5	9,9	**237,3**
CZ 05 Severovýchod	119,9	22,0	78,9	31,1	2,4	52,0	9,9	**316,2**
CZ 06 Jihovýchod	81,4	5,7	75,6	32,4	1,8	52,7	9,9	**259,6**
CZ 07 Střední Morava	110,7	18,3	76,5	31,7	2,1	49,6	9,8	**298,7**
CZ 08 Moravskoslezsko	170,9	46,4	75,1	30,2	2,1	50,1	10,2	**384,9**

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-pitravi taz-zokkor fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' pitravi taz-zokkor maħsudin fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	28,1	1,0	18,0	5,9	2,4	38,4	0,8	**94,5**
CZ 02 Střední Čechy	30,3	2,1	19,6	5,4	1,1	38,2	0,8	**97,5**
CZ 03 Jihozápad	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	**0,0**
CZ 04 Severozápad	29,5	1,2	20,9	5,7	0,7	38,5	0,8	**97,2**
CZ 05 Severovýchod	28,9	1,4	17,6	5,6	1,6	37,5	0,8	**93,5**
CZ 06 Jihovýchod	30,7	1,8	16,5	9,1	2,2	37,4	0,8	**98,5**
CZ 07 Střední Morava	33,4	2,9	20,0	6,8	2,3	35,6	0,8	**101,8**
CZ 08 Moravskoslezsko	42,2	12,7	14,7	4,3	2,1	35,3	0,8	**112,1**

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ħbub tal-qamħirrum fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' tal-ħbub tal-qamħirrum maħsudin fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	53,0	3,9	36,0	28,7	1,0	73,2	0,9	**196,7**
CZ 02 Střední Čechy	61,3	7,7	38,3	23,9	1,1	67,1	1,0	**200,5**

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertiliz-zant	Newtralizzaz-zjoni	Pestiċida			
CZ 03 Jihozápad	73,9	13,5	39,2	32,4	1,4	74,6	1,1	**236,0**
CZ 04 Severozápad	43,7	4,0	23,5	15,3	0,7	74,6	1,0	**162,7**
CZ 05 Severovýchod	71,7	14,3	36,3	22,2	1,3	68,8	1,0	**215,7**
CZ 06 Jihovýchod	63,5	5,7	44,7	34,2	1,3	73,1	1,0	**223,5**
CZ 07 Střední Morava	83,4	19,2	39,8	25,6	0,9	62,6	1,0	**232,5**
CZ 08 Moravskoslezsko	113,2	34,9	38,6	30,7	1,1	61,6	1,0	**281,2**

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tas-silaġġ tal-qamħirrum fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' silaġġ tal-qamħirrum maħsud fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertiliz-zant	Newtralizzaz-zjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	12,6	1,1	9,4	5,4	0,3	11,1	0,3	**40,2**
CZ 02 Střední Čechy	13,8	1,4	8,1	6,0	0,4	12,0	0,3	**42,0**
CZ 03 Jihozápad	19,5	4,8	9,1	6,9	0,4	12,0	0,3	**53,0**
CZ 04 Severozápad	17,1	2,8	10,5	6,6	0,3	12,1	0,3	**49,8**
CZ 05 Severovýchod	24,4	6,4	10,5	8,2	0,4	11,8	0,3	**61,9**
CZ 06 Jihovýchod	16,7	1,8	10,7	8,2	0,4	11,6	0,3	**49,6**
CZ 07 Střední Morava	25,1	7,5	9,5	8,1	0,3	10,2	0,3	**61,0**
CZ 08 Moravskoslezsko	31,8	11,7	10,4	7,2	0,4	11,0	0,3	**72,9**

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' ħbub tax-xgħir tar-rebbiegħa maħsudin fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertiliz-zant	Newtralizzaz-zjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	61,0	2,5	46,1	16,2	2,0	57,7	12,2	**197,7**
CZ 02 Střední Čechy	58,3	2,7	41,8	13,1	2,6	59,5	13,1	**191,0**
CZ 03 Jihozápad	87,9	15,7	52,1	19,4	2,3	62,0	13,9	**253,3**
CZ 04 Severozápad	63,9	8,6	32,5	11,0	2,2	61,0	13,2	**192,4**
CZ 05 Severovýchod	88,8	16,9	48,5	18,8	3,0	60,0	13,2	**249,2**

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
CZ 06 Jihovýchod	65,4	3,7	48,2	20,5	2,3	60,0	13,4	**213,5**
CZ 07 Střední Morava	92,2	20,6	43,1	19,6	2,5	55,9	12,6	**246,5**
CZ 08 Moravskoslezsko	114,2	33,6	43,9	15,7	2,6	57,8	13,5	**281,3**

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ħbub tax-xgħir tax-xitwa fir-reġjuni NUTS2 fiċ-Ċekja (kg CO_2-ekw/tunnellata ta' ħbub tax-xgħir tax-xitwa maħsudin fuq il-bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003	N_2O fil-ħamrija		Inkorporat			Fjuwil użat	Żerriegħa	**Total**
	Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
CZ 01 Hl. město Praha	70,0	3,3	48,7	26,7	1,7	53,0	10,0	**213,5**
CZ 02 Střední Čechy	75,1	4,4	62,8	21,8	2,2	54,4	10,7	**231,5**
CZ 03 Jihozápad	107,1	20,2	63,6	21,7	1,9	54,6	11,0	**280,1**
CZ 04 Severozápad	85,8	13,3	49,8	20,3	1,8	54,0	10,4	**235,5**
CZ 05 Severovýchod	120,0	26,2	62,6	23,8	2,5	52,6	10,4	**298,1**
CZ 06 Jihovýchod	77,2	4,5	61,6	23,5	2,0	53,7	10,5	**233,0**
CZ 07 Střední Morava	114,6	27,2	54,6	19,7	2,1	50,5	10,5	**279,2**
CZ 08 Moravskoslezsko	160,8	45,1	68,3	24,3	2,2	51,8	11,0	**363,6**